31993D0257

14.5.1993 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 118/75

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-15 ta' April 1993

li tippreskrivi l-metodi ta' referenza u l-lista ta' laboratorji nazzjonali ta' referenza għall-osservazzjoni ta' residwi

(93/257/KEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat Direttiva tal-Kunsill 66/433/KEE tas-26 ta' Ġunju 1964 dwar problemi ta' saħħa li jaffettwaw in-negozju ta' laħam frisk fil-Komunità [1], kif l-aħħar emendata b'Direttiva 92/5/KEE [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 8(1),

Wara li kkunsidrat Direttiva tal-Kunsill 85/397/KEE tal-5 ta' Awissu 1985 dwar problemi ta' saħħa u ta' saħħa ta' l-annimali li jaffettwaw in-negozju ta' ħalib ittrattat bi sħana fil-Komunità [3], kif l-aħħar emendata b'Direttiva 89/662/KEE [4], u b'mod partikolari t-tielet sottoparagrafu ta'Artikolu 11(4),

Filwaqt li id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/256/KEE [5] tippreskrivi l-metodi li għandhom jintużaw sabiex jiġu osservati residwi ta' sustanzi li jkollhom azzjoni ormonali jew tirostatika; filwaqt li d-Deċiżjoni msemmija fuq tiddefinixxi proċeduri li għandhom jiġu segwiti u kriterji li għandhom jiġu applikati meta jsiru l-analiżi filwaqt li dispsizzjoni dwar metodi ta' riferenza għandha tirreferi għall-kriterji preskritti għal metodi konfermattivi;

Filwaqt li Deċiżjoni tal-Kummissjoni 90/515/KEE [6] tippreskrivi l-metodi ta' riferenza għall-osservazzjoni ta' residwi ta' metalli ta' densità għolja u arseniku; filwaqt li għandha ssir dispożizzjoni għal metodi ta' riferenza għall-osservazzjoni ta' residwi minbarra metalli ta' densità għolja u arseniku;

Filwaqt li l-aħħar sottoparagrafu ta' l-Artikolu 8(1) ta' Direttiva 64/433/KEE jipprovdi għall-ħatra f'kull Stat Membru ta' mill-inqas laboratorju ta' riferenza wieħed sabiex iwettaq l-eżaminazzjoni għal residwi;

Filwaqt li bi qbil ma' l-Artikolu 8(1)(b) ta' Direttiva tal-Kunsill 86/469/KEE tas-16 ta' Settembru 1986 li dwar l-eżaminazzjoni ta' annimali u laħam frisk għall-preżenza ta' residwi [7], kif emendata b'Deċiżjoni 89/187/KEE [8], il-laboratorji nazzjonali ta' riferenza għandhom ikunu responsabbli mill-koordinament tal-livelli u metodi ta' analiżi għal kull residwu jew grupp ta' residwi konċernati, li jinkludu l-arranġament ta' testijiet komparattivi perjodiċi ta' kampjuni maqsuma minn laboratorji approvati, u ta' konformità mal-limiti preskritti isfel;

Filwaqt li minħabba l-iżviluppi fit-tagħrif xjentifiku u tekniku, u sabiex l-affarijiet ikunu ċari, jeħtieġ li tiġi rrevokata Deċiżjoni tal-Kummissjoni 89/610/KEE [9];

Filwaqt li l-miżuri li għalihom hemm provdut f'din id-Deċiżjoni huma bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat Veterinarju Imwaqqaf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-proċeduri ta' riferenza analitika li għandhom jiġu applikati għall-konferma tal-preżenza ta' residwi tas-sustanzi mniżżla fl-I l-Anness għal Direttiva 86/469/KEE, bl-eċċezzjoni ta' elementi kimiċi bħal metalli ta' densità għolja u arseniku, huma s-segwenti:

— immunassaġġ,

— kromatografija ta' saff irqiq,

— kromatografija tal-likwidi,

— kromatografija tal-gassijiet,

— spettrometrija tal-piż,

— spettrometrija,

jew kull proċedura oħra li tissodisfa kriterji komparabbli għal dawk speċifikati fl-Artikolu 3 ta' din.

Artikolu 2

Il-proċedura ta' riferenza analitika ta' għażla għandha tkun ibbażata:

(a) preferibbilment, fuq spettrometrija molikulari li tipprovdi informazzjoni diretta dwar l-istruttura molikulari tas-sustanza taħt eżaminazzjoni; jew

(b) b'kombinazzjoni ta' proċeduri indipendenti li tipprovdi informazzjoni indiretta li tikkonċerna l-istruttura molikulari tas-sustanza taħt eżaminazzjoni;

u għandu jkollha limiti ta' osservazzjoni u determinazzjoni addattati.

[1] ĠU C 121, tad-29.7.1964, p. 2012/64.
[2] ĠU L 57, tat-2.3.1992, p. 1.
[3] ĠU L 226, ta' l-24.8.1985, p. 13.
[4] ĠU L 395, tat-30.12.1989, p. 13.
[5] Ara paġna 64 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.
[6] ĠU L 286, tat-18.10.1990, p. 33.
[7] ĠU L 275, tas-26.9.1986, p. 36.
[8] ĠU L 66, ta' l-10.3.1989, p. 37.
[9] ĠU L 351, tat-2.12.1989, p. 39.

Artikolu 3

Il-kriterji applikabbli għal proċeduri ta' riferenza analitiċi huma l-kriterji għal metodi konfermatorji kif preskritt f'punti 1.2.3. sa 1.2.6. u 2.1. sa 2.2.5.3. u 2.4. sa 2.5. ta' l-Anness għal Deċiżjoni 93/256/KEE.

Artikolu 4

Il-laboratorji ta' riferenza fl-Istati Membri responsabbli mit-twettieq ta' l-analiżi ta' riferenza huma mniżżla fl-Anness.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi eżaminata mill-ġdid qabel l-1 ta' Jannar 1996 sabiex tieħu konsiderazzjoni ta' l-iżviluppi fit-tagħrif xjentifiku u tekniku.

Artikolu 6

Deċiżjoni 89/610/KEE hija b'dan il-mezz irrevokata.

Artikolu 7

Din id-Deċiżjoni hija ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula Brussel, fil-15 ta' April 1993.

Għall-Kummissjoni

René STEICHEN

Membru tal-Kummissjoni

L-ANNESS

1) **LABORATORJI NAZZJONALI TA' REFERENZA**

Členský stát	Referenční laboratoře	Skupiny reziduí
Belgie	Institut d'hygiène et d'épidémiologie rue J. Wijtsman 14 B-1050 Bruxelles	Všechny skupiny
Dánsko	Veterinærdirektoratets Laboratorium Odinsvej 4 Postboks 93 DK-4100 Ringsted	Skupina A
	Levnedsmiddelstyrelsens Centrallaboratorium Mørkhøj Bygade 19 DK-2860 Søborg	Skupina B
Německo	Robert von Ostertag-Institut des Bundesgesundheitsamtes Diedersdorfer Weg 1 1000-Berlin 48	Beta-mimetika Chloramfenikol Sulfonamidy
	Landesuntersuchungsanstalt für das Gesundheits- und Veterinärwesen Institut Chemnitz Hohe Straße 27/29 O-9005 Chemnitz	Stilbeny
	Staatliches Medizinal-, Lebensmittel- und Veterinäruntersuchungsamt, Druseltalstraße 63 W-3500 Kassel	Trenbolon Nortestosteron
	Staatliches Veterinäruntersuchungsamt Arnsberg Zur Taubeneiche 10–12 W-5760 Arnsberg 2	Zeranol Etynyloestradiol Tyreostatika
	Staatliches Medizinal-, Lebensmittel- und Veterinäruntersuchungsamt Mittelhessen Marburger Straße 54 W-6300 Gießen	Gestageny
	Landesuntersuchungsamt für das Gesundheitswesen Südbayern Veterinärstraße 2 W-8042 Oberschleißheim	Přírodní hormony
	Staatliches Veterinäruntersuchungsamt Hannover Eintrachtweg 17 W-3000 Hannover 1	Penicilin Tetracyklin Chinolon
	Chemische Landesuntersuchungsanstalt Stuttgart Breitscheidstraße 4 W-7000 Stuttgart 1	Nitrofuran
	Chemische Landesuntersuchungsanstalt Karlsruhe 1 Hoffstraße 3 W-7500 Karlsruhe 1	Avermektin
	Chemisches Landesuntersuchungsamt Nordrhein-Westfalen Sperlichstraße 19 W-4400 Münster	Sedativa
	Chemische Landesuntersuchungsanstalt Freiburg Biffierstraße 5 W-7800 Freiburg 1	Organické chloridy Polychlorované bifenily
	Staatliches Veterinär- und Lebensmitteluntersuchungsamt Potsdam Pappelallee 2 O-1572 Potsdam	Těžké kovy

Členský stát	Referenční laboratoře	Skupiny reziduí
Řecko	Institute of Food Hygiene Department of Residue Analysis Iera odos 75, Botanikos GR-118 55 – Athens	Skupina A b) (Tyreostatika) Skupina A III a) (látky s antimikrobiálními účinky) Skupina B 1 a) (látky proti endoparazitům a ektoparazitům) Skupina B I b) (trankvilizéry a beta-blokátory) Skupina B I c) (Beta-mimetika) Skupina B II b) (Chlorované pesticidy, PCB) Skupina B II c) (další látky)
	Institute of Biochemistry, Toxicology and Nourishment of Animals Neapoleos, 25 Aghia Paraskevi GR-153 10 Athens	Skupina A I a), c) Skupina A II Skupina A III b) Skupina B II b) (těžké kovy Pb-Cd) Skupina B II a)
Španělsko	Centro Nacional de Alimentación Carretera Pozuelo-Majadahonda km 6,2 Majadahonda (Madrid)	A I a), A i c), A II A III a), A III b) B I c) (Beta-mimetika)
	Laboratorio de Sanidad y Producción Animal Santa Fe (Granada)	B I a) (s výjimkou chlor. uhlovodíků a organofosfátů) B I c)
	Laboratorio de Sanidad y Producción Animal Algete (Madrid)	A I b) B 1 b)
	Laboratorio Arbitral del Ministerio de Agricultura, Pesca y Alimentación Carretera de la Coruñia km 10,7 (Madrid)	B II (Pesticidy, chlorované uhlovodíky a organofosfáty, těžké kovy)
Francie	Laboratoire de dosages hormonaux École nationale vétérinaire de Nantes CP 3028 F-44087 Nantes Cedex 03	Skupina A I a II
	Laboratoire central d'hygiène alimentaire (LCHA) 43, rue de Dantzig F-75015 Paris	Skupina B 1 a), B II a), b) a c)
	Laboratoire des médicaments vétérinaires (LMV) La haute Marche-Javene F-35133 Fougères	Skupina A III a) a b), B I b) a c)
Irsko	Central Meat Control Laboratory Abbotstown, Castleknock IRL-Dublin 15	Skupina A I, II a III Skupina B I s výj. chlor. uhlovodíků a organofosfátů) Skupina B II (s výjimkou PCB)
	State Laboratory Abbotstown, Castleknock IRL-Dublin 15	Skupina A I, II a III Skupina B I a II
Itálie	Istituto Superiore di Sanità Viale Regina Elena 299 I-00161 Roma	Všechny skupiny
Lucembursko	Rijksinstituut voor Volksgezondheid en Milieuhygiëne Antonie van Leeuwenhoeklaan 9 NL-3720 BA Bilthoven	Všechny skupiny
	Institut d'hygiène et d'épidémiologie Rue J. Wijtsman 14 B-1050 Bruxelles	Všechny skupiny
Nizozemí	Rijksinstituut voor Volksgezondheid en Milieuhygiëne Antonie van Leeuwenhoeklaan 9 NL-3720 BA Bilthoven	Všechny skupiny
	Rijkskwaliteitsinstituut voor land- en tuinbouwprodukten Bornesteeg 45 NL-6708 PD Wageningen	Všechny skupiny

Členský stát	Referenční laboratoře	Skupiny reziduí
Portugalsko	Laboratório Nacional de Investigação Veterinària Estrada de Benfica 701 P-1500 Lisboa	Všechny skupiny
V. Británie	Central Veterinary Laboratory New Haw, Addlestone UK-Surrey KT15 3NB	Skupina A I, II a III Skupina B I
	Food Science Laboratory Colney Lane UK-Norwich NR4 7UA	Skupina A III Skupina B I a II
	Veterinary Research Laboratories Stormont UK-Belfast BT4 3SD	Skupina A I a), c), II a III Skupina B I a II
	Food and Agricultural Chemistry Research Division Department of Agriculture for Northern Ireland Newforge Lane UK-Belfast BT9 5PX	Skupina A I b) a III Skupina B I a II